KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-08

It-Tnejn 25 ta' Novembru 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2024. Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch | Kunsillier |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

KUNSILL LOKALI PAOLA

**08.01** **Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

08.01.01 Is-SE informa li l-Kunsillier Lynch kien informa li ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillieri approvaw li l-Kunsillier Lynch għandu jitqies bħala skużat.

**08.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 09/07**

08.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/07 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati unanimament kif emendati fuq talba tal-Kunsillier Caruana (07.04.02). Il-Kunsillier Camilleri ippropona filwaqt li l-Kunsilliera Agius Attard issekondat.

**08.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.03.01 Dwar l-attività tal-*Halloween*, is-Sindku nforma li l-*feedback* kien wieħed tajjeb ħafna. Huwa qal li l-ġnien kien aċċessibbli l-ħin kollu minbarra waqt il-ħin tal-attività. Huwa rringrazzja li lill-Kunsillier Camilleri għall-involviment tiegħu sabiex it-3 każini tal-banda ħadmu flimkien għall-ewwel darba waqt din l-attività. Huwa żied li fl-1 ta' Novembru imbagħad kienet saret purċissjoni bl-istatwi li wkoll intlaqgħet tajjeb.

08.03.02 Is-Sindku nforma li fis-6 ta' Novembru kienet saret haġa fl-okkażjoni ta' San Martin u hawn irringrazzja lill-Kunsilliera Piccinino li kienet ħadet ħsieb l-organizzazzjoni.

08.03.03 Is-Sindku nforma li fid-9 ta' Novembru kellha ssir l-attività *Pump It* li sfortunatament kellha tiġi posposta minħabba l-maltemp li kien previst. Huwa qal li din issa ser issir fl-1 ta' Diċembru u rringrazzja lill-Kunsillieri Lynch u Caruana li kienu ħadu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attività.

08.03.04 Is-Sindku nforma li fil-11 ta' Diċembru kien ser isir il-*party* għall-anzjani ġewwa s-sala tal-Agostinjani li hija aċċessibbli għal kulħadd filwaqt li t-Tnejn 16 ta' Diċembru kien ser isir il-*party* għal dawk li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva. Fid-19 ta' Diċembru fil-għaxija kien ser isir it-tqassim tar-rigali lit-tfal minn Santa Klaws. Fit-28 ta' Diċembru kien ser isir id-*Dinner D*ance. Huwa ppreżenta kopja tal-*flyer* li kien sar sabiex jirreklama l-Laqgħa tal-Lokalita' kif ukoll l-attivitajiet relatati mal-Milied li kien ser jitqassam bieb bieb. Huwa fakkar li bejn it-12 u l-15 ta' Diċembru kien ser isir il-*Christmas Village* ġewwa l-Pjazza Antoine de Paule u li dan kien iffinanzjat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, r-Reġjun Port, l-Awtorità għat-Turiżmu, il-kumpless *Main Street* u sponsors oħra.

08.03.05 Is-Sindku fakkar li fis-7 ta' Diċembru kien ser isir Kunċert fuq l-Orgni ġewwa l-Bażilika li kien ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li għalih kellna 45 biljett

li kienu ser jinbiegħu bi prezz sussidjat u li l-d-dħul minnhom kien ser imur għall-Fond għall-Kawżi Ġusti.

08.03.06 Rigward il-karozza li kellu mikrija l-Kunsill, is-Sindku nforma li kien hemm penali ta' madwar € 200 sabiex il-kuntratt jitwaqqaf qabel iż-żmien. Il-Kunsill qabel li jħallas din il-penali u li l-vettura tiġi ritornata sa l-aħħar ta' Novembru.

08.03.07 Rigward Ġnien Tony Bezzina s-Sindku nforma li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kellna laqgħa ma' *Infrastructure Malta* sabiex naraw kif l-aħjar li nipproċedu. Is-SE żied li r-risposti għad-domandi li kien għamel bil-miktub il-Kunsillier Caruana kienu ser jingħataw ladarba konna ser nirċievu l-informazzjoni meħtieġa mingħand il-Perit tal-Kunsill.

08.03.08 Is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa ma' RIGHTS li kienu qed jieħdu ħsieb jikkoordinaw il-Kunsilli Lokali għat-tfal f'kull belt u raħal. Huwa żied jgħid li filwaqt li l-organizzaturi kienu ser jieħdu ħsieb jikkuntattjaw li-tfal fl-iskejjel u l-għaqdiet lokali, l-ħsieb huwa li l-ewwel laqgħa ssir f'Jannar 2025. Iktar dettalji ser jingħataw aktar il-quddiem fejn kienet ser issir pubbliċita' anke mill-Kunsill sabiex jintlaħqu t-tfal kollha.

08.03.09 Is-Sindku semma l-laqgħa li kienet saret ma' uffiċċjali tal-ERA, Wastserve u Saħħa Pubblika rigward l-irwejjaħ. Huwa qal li għalkemm is-sitwazzjoni kienet marret għall-aħjar, dan ma jfissirx li l-każ huwa magħluq u ġie deċiż li għandna ninsistu mal-ERA sabiex il-permess sabiex jopera l-impjant tal-Wastserve li jiskadi f'Mejju 2025 ma jiġix imġedded u li r-*readings* tal-emissjonijiet għandhom ikunu dejjem aġġornati kif ukoll li jsiru spezzjonijiet fuq l-impjant kull 4 t'ijiem.

08.03.10 Is-Sindku semma l-laqgħa *online* li kellna ma uffiċċjali mill-*Health Hub* fejn il-Kunsill ġibed l-attenzjoni għall-*issues* tal-ħsejjes, dwal ikkulurit, ħajt perikoluż kif ukoll il-parkeġġ ladarba dan il-*Hub* jibda jopera. Saret spjega dwar il-partijiet mill-grawnd Pace Grasso li huwa parti mill-*Hub* kif ukoll mill-parti l-oħra li ser tiġi żviluppata f'parkeġġ minn *Infrastructure Malta*. Kien hemm qbil ukoll illi wara li l-Perit tal-Kunsill jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-ħajt perikoluż (fi Triq is-Sorijiet), għandna nibgħatu ittra bl-avukat dwar il-periklu li hemm.

**08.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

08.04.01 Il-Viċi Sindku staqsa hux possibbli li l-*crash barrier* li hemm fejn ir-*roundabout* ta' Moran tiżdied sa quddiem ir-residenti. Is-SE informa li kien ser jitkellem ma *Transport Malta* dwar dan.

08.04.02 Il-Kunsillier Camilleri kkummenta dwar Ġnien il-Mediterran fejn qal li s-siġar li kien hemm naqsu bin-nofs. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-MCAST/Dipt. tal-Edukazzjoni dwar dan is-suġġett peress li dan il-Ġnien huwa responsabbiltà tagħhom. Kien hemm qbil ukoll li nippruvaw li l-bieb li hemm in-naħa ta' Triq Duminku Mintoff ikun miftuħ.

08.04.03 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-krematorju u s-SE informa li sa issa ma kienx hemm applikazzjoni ġdida.

08.04.04 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk konniex ksibna informazzjoni dwar l-AEDs. Is-SE informa li kien għadu qed jistenna risposta mingħand il-Pulizija dwar dan. Kien hemm qbil li jsiru 2 AEDs, waħda mal-binja tal-Kunsill ladarba jkun hemm is-CCTV u oħra fl-akkwati ta' Lourdes.

08.04.05 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet hux possibbli l-*Communal Reserved Parking* li hemm fi Triq il-Qalb ta' Ġesù titressaq għal Triq Mater Boni Consilii k/m Triq il-Qalb ta' Ġesù. Kien hemm qbil li ssir talba lil-*Transport Malta*.

08.04.06 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk hux possibbli li titranġa l t-trejqa li minn Triq Bormla tinfed għal Triq il-Qalb ta' Ġesù. Is-Sindku ippropona li nkellmu lil *Infrastructure Malta* dwar dan is-suġġeriment.

08.04.07 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi sabiex fi Ġnien Dom Mintoff ikun hemm bankijiet bid-dahar u l-Viċi Sindku nforma li diġà hemm numru ta' bankijiet li għandhom id-dahar.

08.04.08 Il-Kunsilliera Agius Attard infurmat li fi 3 okkażjonijiet f'Jannar, Frar u Marzu kienu ser isiru taħditiet dwar is-saħħa lill-anzjani.

08.04.09 Il-Kunsilliera Piccinino ilmentat dwar ranep imblukkati minn vetturi f'Telgħet Raħal Ġdid. Is-SE informa li konna diġà ktibna dwar dan l-abbuż. Kien hemm qbil li għandna nerġgħu niktbu u nissuġġerixxu li jsiru CCTV fl-akkwati.

08.04.10 Il-Kunsilliera Piccinino issuġġeriet li ssir laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja dwar is-suġġeriment li sar min naħa tal-iskola sabiex ikun hemm *Community & Vegetable Garden* ġewwa Ġnien Pawlu Boffa.

08.04.11 Il-Kunsilliera Piccinino issuġġeriet li ssir mera fi Triq Salvatore Imbroll kantuniera ma Triq it-Tfief. Ġie deċiż li niċċekkjaw eżatt fejn ser teħel din il-mera u nipproċedu.

08.04.12 Il-Kunsilliera Piccinino lmentat dwar *exhaust* mill-karozzi tal-linja fi Triq Zabbar. Il-Viċi Sindku wieġeb li din l-*issue* għandha tiġi ndirizzata mill-*Master Plan* iżda sadanittant għandna nitolbu lil-*Transport Malta* kemm vetturi tal-linja jgħaddu minn Triq Zabbar u Triq Bormla rispettivament.

08.04.13 Il-Kunsilliera Piccinino lmentat dwar tappiera li ċċekċek u li dwarha kienet ser tgħaddi d-dettalji lis-SE sabiex titranġa.

08.04.14 Il-Kunsillier Caruana għamel xi mistoqsijiet dwar Ġnien Tony Bezzina u s-SE informa li kif kien ikkummenta fil-bidu tal-laqgħa, malli din l-informazzjoni tasal għandu mingħand il-Perit tal-Kunsill, kien ser iwieġeb.

08.04.15 Il-Kunsillier Carauna staqsa jekk kienx sar il-ħlas dovut re *Town of Sports 2026* u s-SE informa li dan kien ser isir fil-ġranet li ġejjin.

08.04.16 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk konniex ksibna nformazzjoni dwar il-*protocol* rigward bnadar fuq arbli fuq barra iżda s-SE informa li kien għadu jrid jikseb din l-informazzjoni.

08.04.17 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta kienet ser tiġi mplimentata s-sistema ta' *One Way*s fl-inħawi ta' Triq l-Arkata u s-SE informa li konna qed nistennew id-dati min naħa ta' Transport Malta. Kien hemm qbil li nagħmlu *follow-up*.

08.04.18 Il-Kunsillier Caruana staqsa kif konna bqajna rigward ix-xelter ta' Triq Santa Monika u s-Sindku rrisponda li jkun inutili li niksbu d-devoluzzjoni biex imbagħad ma jkollniex il-finanzi sabiex nieħdu ħsiebu. Kien hemm qbil li bħala bidu għandna napplikaw għad-devoluzzjoni u imbagħad naraw kif ser nipproċedu minn hemm.

08.04.19 Il-Kunsillier Caruana staqsa kif konna bqajna fuq is-suġġeriment tiegħu sabiex Paola ssir belt. Is-SE informa li fil-fehma tiegħu dan l-eżerċizzju mhux wieħed faċli però kien hemm qbil li niktbu lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar dan.

08.04.20 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser isir grawnd tal-football ġewwa Paola u s-Sindku ssuġġerixxa li nkellmu l-Klabb tal-Hibernians sabiex naraw hux possibbli li l-grawnd tagħhom f'Kordin jibda jintuża mit-tfal tar-raħal f'ċerti ġranet/ħinijiet.

***Fis-7:35 il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa minħabba mpenji oħra personali.***

08.04.21 Il-Kunsillier Caruana lmenta li r-residenti ta' Paola kienu qed iħossuhom mhedda u kienu qed jibżgħu joħorġu minn djarhom. Bħala eżempju huwa semma ġlieda kbira li kienet saret fl-aħħar jiem u staqsa fejn kienu l-Pulizija tal-Komunità. Is-SE informa li xogħol il-Pulizija tal-Komunità huwa wieħed ta' prevenzjoni u semma li fil-bidu tas-sena konna ntlabna lista ta' *hot spots* fejn il-Ministeru għall-Intern kien lest li jinstalla CCTVs. Kien hemm qbil li naraw fiex wasal dan il-proġett.

***Is-SE informa li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u li għalhekk kien hemm bżonn il-qbil ta' dawk preżenti biex il-laqgħa tkun tista' tkompli. Peress li kien hemm qbil unanimu, l-laqgħa kompliet.***

**08.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

08.05.01 Korrispondenza mill-Kappillan tal-Parroċċa Kristu Re fejn għamel talba għall-għajnuna fix-xiri ta' presepju li ser ikun esibit barra l-Bażilika. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż kollha ta' dan il-presepju u li l-presepju li kien hemm qabel jingħata lill-parroċċa ta' Lourdes. Il-Kunsillier Caruana ma qabilx ma din il-proposta u nsista li jekk ser tingħata xi għajnuna, din għandha tingħata lil kull għaqda nkluża l-Moskea. Wara diskussjoni ġie deċiż li jittiehed vot u l-Kunsilliera Agius Attard talbet li jiġu mniżżla kif ivvutaw il-Kunsillieri. Is-Sindku, u l-Kunsillieri Camilleri, Agius Attard u Piccinino ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Caruana ivvota kontra.

08.05.02 Talba minn bejjiegħ sabiex jarma bil-van tiegħu sabiex ibiegħ l-ikel fl-inħawi tal-uffiċini ta' Transport Malta. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li jibża li jekk tingħata din il-konċessjoni, jiżdied it-traffiku fl-inħawi li diġà huwa problema.

08.05.03 Talba mit-3 soċjetajiet tal-Baned sabiex fl-okkażjoni tal-Milied, flimkien jieħdu ħsieb attrazzjonijiet ghat-tfal. Wara diskussjoni ġie deċiż li jittieħed vot u l-Kunsilliera Agius Attard talbet li jiġu mniżżla kif ivvutaw il-Kunsillieri. Is-Sindku, u l-Kunsillieri Camilleri, Agius Attard u Piccinino ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Caruana ivvota kontra.

08.05.04 Is-SE ippreżenta 3 kwotazzjonijiet sabiex jiżdiedu s-CCTVs mal-binja tal-Kunsill u kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li kienet dik ta' iSpy.

08.05.05 Talba mill-iSkola Primarja sabiex il-Kunsill jisponsorja kotba bħala premju għal dawk it-tfal li ser ikun u qed jikkompetu fil-kompetizzjoni tal-Presepji. Dwar dan kien hemm qbil.

08.05.06 Korrispondenza mid-Direttorat għall-Gvern Lokali dwar SPI/SCI/08/2024 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva billi jorganizza attività skont il-Linji Gwida ta' l-istess skema.

**08.06 Rapport Finanzjarju t-Tielet Kwart Jannar / Settembru 2024**

08.06.01 Kopja ta' dan ir-Rapport kienet intbgħatet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa u s-SE ta spjega tal-kontenut fejn qal li f'dan il-kwart il-Kunsill spiċċa fin-negattiv minħabba li kien hemm żieda fl-infieq. Huwa qal li din iż-żieda kienet fl-investiment u li għalhekk kienet qed iżżid ukoll id-*depreciation*. Huwa spejga li madankollu l-Kunsill għad għandu bilanċ favorevoli fil-bank peress li fis-snin l-imgħoddija kien sar tfaddil bil-ħsieb li jsiru l-proġetti. Huwa spjega li jidher li sa l-aħħar tas-sena finanzjarja, l-bilanċ għandu jkun wieħed favorevoli u li l-Kunsill ser ikun żamm viċin ħafna mal-Estimi Finanzjarji. Ir-rapport ġie approvat minn dawk preżenti.

**08.07 Estimi Finanzjarji 2025 (*Draft*)**

08.07.01 Is-SE spjega li kopja (*draft*) ta' dan id-dokument kienet intbgħatet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa u stieden lil dawk preżenti sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom sabiex ikun jista' jipprepara verżjoni aġġornata għal Laqgħa tal-Lokalita' li ser issir fid-9 ta' Diċembru. Huwa spjega li sa llum, konna għadna ma nafux kemm ser tkun l-allokazzjoni għas-sena li ġejja kif ma konniex nafu lanqas l-ispejjeż relatati ma' salarji. Kien hemm qbil li s-SE għandu jiċċekkja dwar l-ammont allokat għat-trasport u għall-*allowances* tal-Kunsillieri sabiex ikunu kemm jista' jkun viċin dak li verament ser ikunu qed jitħallsu.

**08.08** **Rapporti**

08.08.01 Is-SE informa li ma kienx hemm rapporti.

**08.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/08**

08.09.01 L-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata unanimament. Ġew approvati ukoll numru ta' kontijiet ohra li kienu waslu wara li kienet intbgħatet l-iSkeda tal-Pagamenti.

**08.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

08.10.01 Il-laqgħa ntemmet fid-09:30 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |